# FTEHIM QAFAS
# DWAR SĦUBIJA U KOOPERAZZJONI BEJN
# L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA WAĦDA,
# U R-REPUBBLIKA TAL-FILIPPINI, MIN-NAĦA L-OĦRA

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn ’il quddiem imsejħa ‘l-Unjoni’

u

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA’ ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejħin l-‘Istati Membri’,

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-FILIPPINI, minn hawn ’il quddiem imsejħa ‘l-Filippini’,

min-naħa l-oħra,

Minn hawn ’il quddiem imsejħin flimkien ‘il-Partijiet’,

WARA LI KKUNSIDRAW ir-rabtiet tradizzjonali ta’ ħbiberija bejn il-Partijiet u r-rabtiet storiċi, politiċi u ekonomiċi mill-qrib li jgħaqqduhom,

BILLI l-Partijiet jagħtu importanza partikolari lin-natura komprensiva tar-relazzjoni reċiproka tagħhom,

BILLI l-Partijiet iqisu li dan il-Ftehim jifforma parti minn relazzjoni usa’ bejniethom u permezz ta’, fost oħrajn, ftehimiet li fihom iż-żewġ naħat huma partijiet flimkien,

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID ir-rabta tal-Partijiet sabiex jirrispettaw il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tan-Nazzjonijiet Uniti tad-Drittijiet tal-Bniedem u strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn dwar id-drittijiet tal-bniedem li għalihom huma parti,

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID ir-rabta tagħhom mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u ta’ governanza tajba, u x-xewqa tagħhom li jippromwovu l-progress ekonomiku u soċjali għall-popli tagħhom,

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID ix-xewqa tagħhom li jtejbu l-kooperazzjoni dwar l-istabilità, il-ġustizzja u s-sigurtà internazzjonali sabiex jippromwovu żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli, il-qerda tal-faqar u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju,

BILLI l-Partijiet iqisu t-terroriżmu bħala theddida għas-sigurtà globali u jixtiequ jintensifikaw id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom fil-għlieda kontra t-terroriżmu, waqt li jikkunsidraw bis-sħiħ l-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu u strumenti rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU), b'mod partikolari r-Riżoluzzjonijiet tal-KSNU 1373, 1267, 1822 u 1904,

WAQT LI JESPRIMU l-impenn sħiħ tagħhom sabiex jiġu evitati u miġġielda l-forom kollha ta' terroriżmu u sabiex jiġu stabbiliti strumenti internazzjonali effettivi għall-iżgurar tal-qerda tiegħu,

BILLI l-Partijiet jaffermaw mill-ġdid li l-miżuri effettivi għal kontra t-terroriżmu u li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin,

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-ħtieġa li tissaħħaħ u tittejjeb il-kooperazzjoni fil-għlieda kontra l-abbuż illegali tad-drogi u l-attivitajiet ta' traffikar fid-dawl tat-theddid serju li joħolqu għall-paċi, is-sigurtà, l-istabilità u l-iżvilupp ekonomiku internazzjonali,

WAQT LI JIRRIKONOXXU li l-aktar reati serji ta' tħassib internazzjonali relatati mal-liġi umanitarja internazzjonali, il-ġenoċidju u reati oħrajn kontra l-umanità għandhom jiġu kkastigati u li l-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati għandha tkun żgurata sabiex jittejbu l-paċi u l-ġustizzja internazzjonali,

BILLI l-Partijiet jaqblu li l-proliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom joħolqu theddida kbira għas-sigurtà internazzjonali u jixtiequ li jsaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom f'dan il-qasam. L-adozzjoni b'kunsens tar-Riżoluzzjoni 1540 tal-KSNU hija l-bażi tal-impenn tal-komunità internazzjonali kollha li tiġġieled kontra l-proliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa,

WAQT LI JIRRIKONOXXU li l-kummerċ illegali ta' armi żgħar u armamenti ħfief, inkluż il-munizzjon tagħhom, il-ġestjoni ħażina, il-ħażniet mhux assigurati sewwa u t-tixrid mhux ikkontrollat tagħhom ikomplu joħolqu theddida serja għall-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp internazzjonali,

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja tas-7 ta' Marzu 1980 u l-protokolli ta' sħubija sussegwenti,

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza li tissaħħaħ ir-relazzjoni eżistenti bejn il-Partijiet sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni bejniethom, kif ukoll ir-rieda komuni tagħhom sabiex jikkonsolidaw, japprofondixxu u jiddiversifikaw ir-relazzjonijiet tagħhom f'oqsma ta' interess reċiproku fuq il-bażi ta' ugwaljanza, nondiskriminazzjoni, ir-rispett lejn l-ambjent naturali u l-benefiċċju reċiproku,

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) u l-Unjoni Ewropea,

WAQT LI JESPRIMU l-impenn sħiħ tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, inkluż il-protezzjoni tal-ambjent u l-kooperazzjoni effettiva fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima,

WAQT LI JENFASIZZAW l-importanza ta’ kooperazzjoni mtejba fil-qasam tal-ġustizzja u s-sigurtà,

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-impenn tagħhom lejn djalogu u kooperazzjoni komprensivi fil-promozzjoni tal-migrazzjoni u l-iżvilupp, kif ukoll lejn il-promozzjoni u l-implimentazzjoni effettivi ta’ standards tax-xogħol u dawk soċjali rikonoxxuti internazzjonalment,

WAQT LI JINNUTAW li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li jaqgħu fl-ambitu tal-Parti III, Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jorbtu lir-Renju Unit u lill-Irlanda bħala Partijiet Kontraenti separati, jew alternattivament, bħala parti mill-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-istess japplika għad-Danimarka, f’konformità mal-Protokoll anness ma' dawk it-Trattati dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka,

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza mogħtija mill-Partijiet lill-prinċipji u r-regoli li jirregolaw il-kummerċ internazzjonali kif jinsabu b’mod partikolari fil-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u lill-ħtieġa li dawn jiġu applikati b’mod trasparenti u mhux diskriminatorju,

WAQT LI JIKKONFERMAW ix-xewqa tagħhom li jsaħħu, f’konformità sħiħa mal-attivitajiet imwettqa f’qafas reġjonali, il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet ibbażata fuq valuri komuni u fuq il-benefiċċju reċiproku,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

# TITOLU I

# NATURA U AMBITU

## ARTIKOLU 1

### Prinċipji Ġenerali

1. Ir-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, kif stipulati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti internazzjonali rilevanti oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem li għalihom il-Partijiet huma partijiet kontraenti, u lejn il-prinċipju tal-istat tad-dritt, isaħħaħ il-politika interna u dik internazzjonali taż-żewġ Partijiet u jikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jikkonfermaw il-valuri komuni tagħhom kif imfissra fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

3. Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu żvilupp sostenibbli, li jikkooperaw sabiex jindirizzaw l-isfida tat-tibdil fil-klima u li jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp maqbula internazzjonalment, inklużi dawk li jinsabu fl-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

4. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid ir-rabta tagħhom mal-prinċipju ta' governanza tajba.

5. Il-Partijiet jaqblu li l-kooperazzjoni skont dan il-Ftehim għandha tkun konformi mal-liġijiet, regoli u regolamenti domestiċi rispettivi tagħhom.

## ARTIKOLU 2

### Għanijiet tal-Kooperazzjoni

Bil-ħsieb li tissaħħaħ ir-relazzjoni bilaterali tagħhom, il-Partijiet qed jintrabtu li jkollhom djalogu komprensiv u li jippromwovu aktar il-kooperazzjoni ta' bejniethom fis-setturi kollha ta' interess reċiproku kif previst f'dan il-Ftehim. B'mod partikolari, l-isforzi tagħhom ser ikollhom l-għan li:

a) jistabbilixxu kooperazzjoni dwar kwistjonijiet politiċi, soċjali, u ekonomiċi fil-fora u fl-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali rilevanti kollha;

b) jistabbilixxu kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati transnazzjonali;

c) jistabbilixxu kooperazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u djalogu dwar il-ġlieda kontra reati serji ta' tħassib internazzjonali;

d) jistabbilixxu kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa, armi żgħar u armamenti ħfief kif ukoll jippromwovu l-proċessi ta' paċi u l-prevenzjoni ta' konflitti;

e) jistabbilixxu kooperazzjoni fl-oqsma kollha tal-kummerċ u tal-investiment ta' interess reċiproku, sabiex jiġu ffaċilitati l-flussi ta' kummerċ u ta' investiment u sabiex jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ u l-investiment, b'mod li hu konsistenti mal-prinċipji tal-WTO u mal-inizjattivi reġjonali bejn l-UE u l-ASEAN li għaddejjin u dawk futuri;

f) jistabbilixxu kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u s-sigurtà, inklużi l-kooperazzjoni legali; id-drogi illegali; il-ħasil tal-flus; il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni; il-protezzjoni ta' data u r-refuġjati u l-persuni spostati internament;

g) jistabbilixxu kooperazzjoni fl-oqsma tal-migrazzjoni u tax-xogħol marittimu;

h) jistabbilixxu kooperazzjoni fis-setturi l-oħrajn kollha ta’ interess reċiproku, b’mod partikolari fl-impjiegi u l-affarijiet soċjali; fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp; fil-politika ekonomika; fis-servizzi finanzjarji; fil-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa; fil-politika industrijali u l-SMEs; fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT); fl-awdjoviżiv, il-media u l-multimedia; fix-xjenza u t-teknoloġija; fit-trasport; fit-turiżmu; fl-edukazzjoni, fil-kultura, fid-djalogu interkulturali u d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet; fl-enerġija; fl-ambjent u r-riżorsi naturali inkluża t-tibdil fil-klima; fl-agrikoltura, fis-sajd u fl-iżvilupp rurali; fl-iżvilupp reġjonali; fis-saħħa; fl-istatistika; fil-ġestjoni tar-riskji ta’ diżastri (DRM); u fl-amministrazzjoni pubblika;

i) isaħħu l-parteċipazzjoni taż-żewġ Partijiet fi programmi ta’ kooperazzjoni subreġjonali u reġjonali miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-Parti l-oħra;

j) jgħollu r-rwoli u l-profili tal-Filippini u tal-Unjoni Ewropea;

k) jippromwovu l-fehim bejn il-persuni u d-djalogu u l-interazzjoni effettivi mas-soċjetà ċivili organizzata.

ARTIKOLU 3

Kooperazzjoni f'Organizzazzjonijiet Reġjonali u Internazzjonali

Il-Partijiet ser ikomplu jiskambjaw opinjonijiet u jikkooperaw f'fora u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti u aġenziji u korpi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, bħall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD), id-djalogu bejn l-UE u l-ASEAN, il-Forum Reġjonali tal-ASEAN (ARF), il-Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM), il-WTO, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (OIM) u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO).

ARTIKOLU 4

Kooperazzjoni Reġjonali u Bilaterali

Għal kull settur ta' djalogu u kooperazzjoni skont dan il-Ftehim, u waqt li jiġu enfasizzati kwistjonijiet fil-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Filippini, iż-żewġ naħat jistgħu wkoll, bi ftehim reċiproku, jaħdmu flimkien permezz ta' attivitajiet fuq livell reġjonali jew permezz ta' taħlita taż-żewġ oqfsa, filwaqt li jikkunsidraw il-proċessi reġjonali tat-teħid ta' deċiżjonijiet tar-ragruppament reġjonali kkonċernat. F'dan ir-rigward, billi jagħżlu l-qafas adatt, il-Partijiet ser ifittxu li jiġi mmassimizzat l-impatt u li jissaħħaħ l-involviment tal-partijiet interessati kollha, filwaqt li jagħmlu l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli, u jiżguraw il-koerenza ta' attivitajiet oħrajn.

# TITOLU II

# DJALOGU POLITIKU U KOOPERAZZJONI

## ARTIKOLU 5

### Proċess ta' Paċi u Prevenzjoni ta' Konflitti

Il-Partijiet jaqblu li jkomplu l-isforzi ta’ kollaborazzjoni bil-għan li jippromwovu l-prevenzjoni tal-konflitti u kultura ta’ paċi, fost oħrajn, permezz ta’ appoġġ għall-paċi u ta' programmi edukattivi dwar il-paċi.

## ARTIKOLU 6

### Kooperazzjoni fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni u l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet kollha tal-bniedem inkluż permezz ta’ strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li għalihom huma parti.

2. Din il-kooperazzjoni għandha ssir permezz ta’ attivitajiet maqbula reċiprokament bejn il-Partijiet inkluż, *inter alia*, dan li ġej:

a) appoġġ għall-iżvilupp u implimentazzjoni ta’ pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

b) promozzjoni tal-għarfien u tal-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem;

c) tisħiħ ta’ istituzzjonijiet nazzjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem;

d) sa fejn huwa possibbli, għajnuna fil-promozzjoni ta’ istituzzjonijiet reġjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem;

e) stabbiliment ta’ djalogu sinifikanti dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn il-Partijiet; u

f) kooperazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti relatati mad-drittijiet tal-bniedem.

## ARTIKOLU 7

## Reati Serji ta’ Tħassib Internazzjonali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-aktar reati serji ta’ tħassib internazzjonali relatati mal-liġi umanitarja internazzjonali, il-ġenoċidju u reati oħrajn kontra l-umanità għandhom jiġu kkastigati u li l-prosekuzzjoni ta’ dawn ir-reati għandha tkun żgurata billi jittieħdu miżuri kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali, kif ikun adatt, inkluż permezz tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, f’konformità mal-liġijiet domestiċi rispettivi tal-Partijiet.

2. Il-Partijiet jaqblu li jmexxu djalogu ta’ benefiċċju dwar l-adeżjoni universali mal-Istatut ta’ Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali f’konformità mal-liġijiet rispettivi tagħhom, inkluż l-għoti ta’ assistenza għall-bini ta' kapaċità.

ARTIKOLU 8

Ġlieda kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi tal-Qerda tal-Massa
u l-Mezzi tal-Kunsinna tagħhom

1. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi tal-kunsinna tagħhom, lil u minn atturi statali u dawk mhux statali, tirrappreżenta waħda mill-akbar theddidiet serji għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet għalhekk jaqblu li jikkooperaw u li jikkontribwixxu fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi tal-kunsinna tagħhom f'konformità sħiħa mal-obbligi eżistenti u bl-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom skont it-trattati u l-ftehimiet internazzjonali dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni u obbligi internazzjonali oħrajn rilevanti bħar-Riżoluzzjoni 1540 tal-KSNU. Il-Partijiet jaqblu li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet jaqblu wkoll li:

a) jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiffirmaw u b'rispett sħiħ tal-proċeduri ta' ratifika tal-Partijiet, jimpenjaw ruħhom għar-ratifika, jew l-adeżjoni, kif adatt, u għall-implimentazzjoni tal-obbligi rispettivi tal-Partijiet li jinħolqu minn strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn, inklużi Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU;

b) jistabbilixxu sistema effettiva ta' kontrolli nazzjonali fuq l-esportazzjonijiet, li tikkontrolla l-esportazzjoni u t-transitu ta' oġġetti relatati mal-armi tal-qerda tal-massa, inkluż kontroll fuq l-użu finali tal-armi tal-qerda tal-massa f'teknoloġiji ta' użu doppju u li jkun fiha sanzjonijiet effettivi għall-ksur tal-kontrolli fuq l-esportazzjoni.

Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-implimentazzjoni ta' kontrolli fuq l-esportazzjoni m'għandhiex tfixkel il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-materjal, it-tagħmir u t-teknoloġija għal skopijiet paċifiċi, filwaqt li l-għanijiet ta' użu paċifiku m'għandhomx jintużaw bħala kopertura għall-proliferazzjoni.

4. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu djalogu politiku regolari li ser jakkumpanja u jikkonsolida dawn l-elementi. Il-Partijiet jistgħu wkoll jaħdmu sabiex ikollhom id-djalogu fil-livell reġjonali.

ARTIKOLU 9

Armi Żgħar u Armamenti Ħfief

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-kummerċ illegali ta' armi żgħar u armamenti ħfief (SALW) inkluż il-munizzjon tagħhom, u l-akkumulazzjoni eċċessiva tagħhom, il-ġestjoni ħażina, il-ħażniet mhux assigurati sewwa u t-tixrid bla kontroll tagħhom qegħdin ikomplu joħolqu theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet jaqblu li jsegwu u jimplimentaw bis-sħiħ l-obbligi rispettivi tagħhom sabiex jindirizzaw il-kummerċ illegali ta' armi żgħar u armamenti ħfief fl-aspetti kollha tiegħu, skont ftehimiet internazzjonali eżistenti u Riżoluzzjonijiet tal-KSNU, kif ukoll l-impenji tagħhom fi ħdan il-qafas ta' strumenti internazzjonali oħrajn applikabbli f'dan il-qasam, bħall-Programm ta' Azzjoni tan-NU għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda u l-Qerda tal-Kummerċ Illegali ta' Armi Żgħar u Armamenti Ħfief fl-Aspetti Kollha Tiegħu.

3. Il-Partijiet jintrabtu li jistabbilixxu djalogu politiku regolari sabiex jiskambjaw opinjonijiet u informazzjoni u jiżviluppaw fehim komuni tal-kwistjonijiet u l-problemi relatati mal-kummerċ illegali ta' SALW u li jsaħħu l-kapaċità tal-Partijiet li jipprevjenu, jiġġieldu u jeqirdu dan il-kummerċ.

ARTIKOLU 10

Kooperazzjoni fil-Ġlieda kontra t-Terroriżmu

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu f'konformità mal-leġislazzjoni u r-regolamenti rispettivi tagħhom, u b'rispett lejn l-istat tad-dritt, il-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-Karta tan-NU u r-Riżoluzzjonijiet tal-KSNU rilevanti, il-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-liġi dwar ir-refuġjati u l-liġi umanitarja internazzjonali u konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom huma partijiet, l-Istrateġija Globali tan-NU għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, li tinsab fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 60/28 tat-8 ta' Settembru 2006 u fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-UE-ASEAN tat-28 ta' Jannar 2003 dwar il-Kooperazzjoni fil-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu.

2. Għal dan l-għan, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw kif ġej:

a) billi jippromwovu l-implimentazzjoni ta' Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU, bħal 1373, 1267, 1822 u 1904, u ta' konvenzjonijiet u strumenti internazzjonali rilevanti;

b) billi jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri tan-NU biex jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija Globali tan-NU għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu;

c) billi jiskambjaw informazzjoni u jsaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fl-infurzar tal-liġi billi jużaw l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol eżistenti permezz tas-Sistema Globali ta' Komunikazzjoni tal-Pulizija tal-Interpol (I-24/7);

d) billi jiskambjaw informazzjoni dwar gruppi terroristiċi u n-netwerks ta' appoġġ tagħhom f'konformità mal-liġi internazzjonali u dik nazzjonali;

e) billi jiskambjaw opinjonijiet dwar mezzi u metodi użati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż f'oqsma tekniċi u fit-taħriġ, u billi jikkondividu l-esperjenzi fil-prevenzjoni u d-deradikalizzazzjoni tat-terroriżmu;

f) billi jikkooperaw sabiex ikabbru l-kunsens internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fl-iffinanzjar tat-terroristi u billi jaħdmu għal ftehim bikri fir-rigward tal-Konvenzjoni Komprensiva dwar it-Terroriżmu Internazzjonali sabiex jikkumplimentaw l-istrumenti tan-NU eżistenti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;

g) billi jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;

h) billi jippromwovu l-implimentazzjoni u l-kooperazzjoni mtejba fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-kuntest tal-ASEM u l-UE-ASEAN.

ARTIKOLU 11

Kooperazzjoni fil-qasam tal-Amministrazzjoni Pubblika

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bil-ħsieb li jtejbu l-bini tal-kapaċità fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam tista' tinkludi l-iskambju ta' opinjonijiet dwar l-aħjar prattiki fir-rigward ta' metodi ta' ġestjoni, għoti ta' servizzi, tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u kwistjonijiet ta' trasparenza.

TITOLU III

KUMMERĊ U INVESTIMENT

ARTIKOLU 12

Prinċipji Ġenerali

1. Il-Partijiet għandhom jidħlu fi djalogu dwar kummerċ bilaterali u multilaterali kif ukoll dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bil-ħsieb li jissaħħu r-relazzjonijiet tal-kummerċ bilaterali u li jkun hemm avvanz fir-rwol tas-sistema ta' kummerċ multilaterali fil-promozzjoni tat-tkabbir u l-iżvilupp.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu l-iżvilupp u d-diversifikazzjoni tal-iskambji kummerċjali reċiproċi tagħhom sal-ogħla livell possibbli u għall-benefiċċju reċiproku tagħhom. Huma jintrabtu li jiksbu kondizzjonijiet imtejba ta' aċċess għas-suq billi jaħdmu lejn it-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ, b'mod partikolari ta' ostakli mhux tariffarji, u billi jieħdu miżuri sabiex itejbu t-trasparenza, waqt li jikkunsidraw ix-xogħol imwettaq minn organizzazzjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam.

3. Waqt li jirrikonoxxu li l-kummerċ għandu rwol indispensabbli fl-iżvilupp, u li l-assistenza fil-forma ta' skemi ta' preferenzi kummerċjali kkontribwiet għall-iżvilupp ta' pajjiżi riċevituri li qegħdin jiżviluppaw, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jsaħħu l-konsultazzjoni tagħhom dwar din l-assistenza f'konformità sħiħa mal-WTO.

4. Il-Partijiet għandhom iżommu lil xulxin informati dwar l-iżvilupp tal-kummerċ u dwar il-politika relatati mal-kummerċ bħalma huma l-politika agrarja, il-politika dwar is-sikurezza tal-ikel, il-politika dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, u l-ambjent, inkluż il-ġestjoni tal-iskart.

5. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu d-djalogu u l-kooperazzjoni sabiex jiżviluppaw ir-relazzjonijiet tagħhom fil-kummerċ u l-investiment u jaħdmu lejn is-soluzzjoni ta' problemi kummerċjali, u l-indirizzar ta' tħassib ieħor relatat mal-kummerċ, fl-oqsma msemmija fl-Artikoli 13 sa 19.

## ARTIKOLU 13

## Kwistjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fis-sikurezza tal-ikel u fil-kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji (SPS) sabiex jipproteġu l-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, l-annimali u l-pjanti fit-territorju tal-Partijiet.

2. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu u jiskambjaw informazzjoni dwar il-miżuri rispettivi tagħhom kif definiti fil-Ftehim tal-WTO dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SPS), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC), l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) u l-Kummissjoni tal-CODEX Alimentarius (Codex), bħal leġislazzjoni, regoli u regolamenti, ċertifikazzjoni, spezzjoni, u proċeduri ta’ sorveljanza, inklużi l-proċeduri ta’ approvazzjoni ta' stabbiliment u ta' implimentazzjoni ta’ prinċipji ta’ tqassim f'żoni.

3. Il-Partijiet jaqblu li jimpenjaw ruħhom għall-kooperazzjoni fil-bini ta' kapaċità dwar kwistjonijiet tal-SPS u, fejn ikun mitlub, dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

4. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu djalogu f’waqtu dwar il-kwistjonijiet tal-SPS fuq talba ta’ xi waħda mill-Partijiet sabiex jiġu kkunsidrati kwistjonijiet relatati mal-SPS u kwistjonijiet urġenti oħrajn relatati skont dan l-Artikolu.

5. Il-Partijiet għandhom jinnominaw punti ta’ kuntatt għall-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet skont dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 14

Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ

1. Il-Partijiet jaqblu li l-kooperazzjoni fir-rigward tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-valutazzjonijiet ta' konformità hija għan ewlieni għall-iżvilupp tal-kummerċ.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-użu ta' standards internazzjonali u jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar standards, proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità u regolamenti tekniċi, b'mod speċjali fi ħdan il-qafas tal-Ftehim tal-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT). Għal dan l-għan, il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu djalogu f'waqtu dwar kwistjonijiet tat-TBT fuq talba ta' kwalunkwe Parti u li jinnominaw punti ta' kuntatt għall-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet skont dan l-Artikolu.

3. Il-kooperazzjoni fit-TBT tista' ssir, *inter alia*, permezz ta' djalogu, proġetti konġunti, assistenza teknika u programmi ta' bini ta' kapaċità.

## ARTIKOLU 15

## Dwana u Faċilitazzjoni tal-Kummerċ

1. Il-Partijiet għandhom jaqsmu l-esperjenzi u jeżaminaw il-possibbiltajiet sabiex iħaffu l-importazzjoni, l-esportazzjoni u proċeduri doganali oħrajn, jiżguraw it-trasparenza tad-dwana u tar-regolamenti dwar il-kummerċ, jiżviluppaw il-kooperazzjoni doganali u mekkaniżmi effettivi ta' assistenza amministrattiva reċiproka, kif ukoll ifittxu li jkun hemm konverġenza ta' opinjonijiet u azzjoni konġunta fil-kuntest ta' inizjattivi internazzjonali rilevanti inkluż il-faċilitazzjoni tal-kummerċ. Il-Partijiet għandhom jagħtu attenzjoni partikolari sabiex iżidu d-dimensjoni ta' sigurtà u sikurezza tal-kummerċ internazzjonali, sabiex jiżguraw infurzar doganali effettiv u effiċjenti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u sabiex jiżguraw li jkun hemm approċċ ibbilanċjat bejn il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, u l-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet.

2. Mingħajr preġudizzju għal forom oħra ta' kooperazzjoni previsti f'dan il-Ftehim, il-Partijiet jiddikjaraw l-interess tagħhom sabiex jikkunsidraw l-iffirmar ta' protokolli dwar il-kooperazzjoni doganali, u dwar l-assistenza reċiproka, fi ħdan il-qafas istituzzjonali stabbilit f'dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet għandhom ikomplu jimmobilizzaw ir-riżorsi ta' assistenza teknika sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni fi kwistjonijiet doganali u fil-faċilitazzjoni tal-kummerċ skont dan il-Ftehim, kif maqbul reċiprokament.

ARTIKOLU 16

Investiment

Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu fluss akbar ta' investiment billi jippromwovu klima attraenti u stabbli għal investiment reċiproku permezz ta' djalogu konsistenti mmirat lejn regoli stabbli, trasparenti, miftuħa u mhux diskriminatorji għall-investituri, billi jesploraw mekkaniżmi amminstrattivi li jiffaċilitaw il-flussi ta' investiment, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Partijiet.

ARTIKOLU 17

Politika dwar il-Kompetizzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-istabbiliment u ż-żamma tar-regoli tal-kompetizzjoni u l-awtoritajiet li jimplimentawhom. Huma għandhom jippromwovu l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli b'mod effettiv, mhux diskriminatorju u trasparenti sabiex titkattar iċ-ċertezza legali fit-territorji rispettivi tagħhom.

2. Għal dan l-għan, il-Partijiet ser jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet ta' bini ta' kapaċità fil-qasam tal-politika dwar il-kompetizzjoni abbażi tad-disponibbiltà ta' finanzjament għal dawn l-attivitajiet skont l-istrumenti u l-programmi ta' kooperazzjoni tal-Partijiet.

ARTIKOLU 18

Servizzi

1. Il-Partijiet jaqblu li jkollhom djalogu konsistenti mmirat l-aktar lejn l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-ambjenti regolatorji rispettivi tagħhom, il-promozzjoni tal-aċċess għas-swieq ta' xulxin, inkluż il-kummerċ elettroniku, il-promozzjoni tal-aċċess għal sorsi ta' kapital u ta' tekonoloġija, u l-promozzjoni ta' kummerċ fis-servizzi bejn il-Partijiet u fis-swieq ta' pajjiżi terzi.

2. Filwaqt li jirrikonoxxu l-kompetittività tas-settur tas-servizzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet għandhom jidħlu f'diskussjonijiet dwar l-isfruttament tal-opportunitajiet ta' kummerċ ta' servizzi fis-swieq ta' xulxin.

ARTIKOLU 19

Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza kbira li jagħtu lill-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u jimpenjaw ruħhom sabiex jistabbilixxu miżuri adatti bil-ħsieb li jiżguraw il-protezzjoni u l-infurzar adatti u effettivi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali filwaqt li jiżguraw li dawn il-miżuri jkunu konformi mal-aħjar prattiki u mal-aħjar standards internazzjonali li l-Partijiet jimpenjaw ruħhom għalihom.

2. Il-Partijiet għandhom jgħinu lil xulxin fl-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi relatati mal-proprjetà intellettwali li ser jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-innovazzjoni teknoloġika u għat-trasferiment volontarju tat-teknoloġija u t-taħriġ ta' riżorsi umani u għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO).

3. Il-Partijiet jaqblu li jtejbu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, inkluża l-protezzjoni tagħhom, u fil-qasam tal-protezzjoni tal-varjetajiet tal-pjanti, filwaqt li jżommu f'moħħhom fost oħrajn, u fejn ikun adatt, ir-rwol tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (UPOV).

4. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u l-esperjenza dwar il-prattiki li jirrigwardaw il-proprjetà intellettwali, il-prevenzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali – b'mod partikolari l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija – l-aktar permezz tal-kooperazzjoni doganali u forom oħrajn adatti ta' kooperazzjoni, u l-istabbiliment u t-tisħiħ ta' organizzazzjonijiet għall-kontroll u l-protezzjoni ta' tali drittijiet.

# TITOLU IV

# KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-ĠUSTIZZJA U S-SIGURTÀ

## ARTIKOLU 20

### Kooperazzjoni Legali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza partikolari tal-istat tad-dritt u l-infurzar tal-istituzzjonijiet kollha rilevanti.

2. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet tista’ tinkludi wkoll l-iskambju reċiproku ta’ informazzjoni rigward l-aħjar prattiki fil-qasam ta' sistemi legali u ta' leġislazzjoni.

## ARTIKOLU 21

### Kooperazzjoni fil-Ġlieda kontra Drogi Illeċiti

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw approċċ ibbilanċjat permezz ta’ koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti inkluż mill-aġenzija ewlenija tal-infurzar tad-drogi, mis-setturi tas-saħħa, tal-ġustizzja, tal-edukazzjoni, taż-żgħażagħ, tal-għajnuna soċjali, tad-dwana u dawk tal-intern, u setturi rilevanti oħrajn u partijiet interessati affettwati oħrajn, bil-għan li jitnaqqsu l-forniment u d-domanda ta' drogi illegali, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq min jagħmel użu mid-droga u l-familji tagħhom u fuq is-soċjetà inġenerali, u sabiex jinkiseb kontroll aktar effettiv tal-prekursur.

2. Il-Partijiet għandhom jaqblu dwar il-mezzi ta' kooperazzjoni sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet. L-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji maqbula b'mod komuni skont il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti li għalihom huma parti, id-Dikjarazzjoni Politika u d-Dikjarazzjoni dwar il-prinċipji ta' gwida rigward it-tnaqqis fid-domanda tad-drogi, adottati mis-Sessjoni Speċjali dwar id-Drogi tal-20 Assemblea Ġenerali tan-NU f'Ġunju 1998 u d-Dikjarazzjoni Politika u l-Pjan ta' Azzjoni dwar Kooperazzjoni Internazzjonali lejn Strateġija Integrata u Bbilanċjata fil-Ġlieda Kontra l-Problema Dinjija tad-Drogi adottati waqt is-Segment ta' Livell Għoli tat-52 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi f'Marzu 2009.

3. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għandha tinkludi assistenza teknika u amministrattiva b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

a) l-abbozzar ta' leġislazzjoni u politiki nazzjonali;

b) l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet u ċentri ta' informazzjoni nazzjonali;

c) l-appoġġ għall-isforzi tas-soċjetà ċivili fil-qasam tad-drogi u l-isforzi għat-tnaqqis tad-domanda u l-ħsara mid-drogi;

d) it-taħriġ tal-persunal;

e) it-tisħiħ tal-infurzar u tal-iskambju ta' informazzjoni skont il-leġislazzjoni domestika;

f) ir-riċerka relatata mad-drogi;

g) l-ipprofilar tad-drogi u l-prevenzjoni tal-manifattura ta’ drogi perikolużi/narkotiċi u d-devjazzjoni ta’ prekursuri kkontrollati f’sustanzi partikolari li huma essenzjali għall-manifattura ta’ drogi illegali;

h) oqsma oħra li jistgħu jiġu maqbula reċiprokament mill-Partijiet.

ARTIKOLU 22

Kooperazzjoni fil-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu

1. Il-Partijiet jaqblu dwar il-ħtieġa li jaħdmu u li jikkooperaw għall-prevenzjoni tal-ħasil ta' rikavati minn attivitajiet kriminali bħalma huma t-traffikar tad-drogi u l-korruzzjoni.

2. Iż-żewġ Partijiet jaqblu li jippromwovu assistenza legali, teknika u amministrattiva bil-għan li jiġu żviluppati u implimentati r-regolamenti u l-iffunzjonar effettiv ta’ mekkaniżmi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. B’mod partikolari, il-kooperazzjoni għandha tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti fi ħdan il-qafas tal-leġislazzjonijiet rispettivi u l-adozzjoni ta’ standards adatti sabiex jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, liema standards ikunu ekwivalenti għal dawk adottati mill-Unjoni u mill-korpi internazzjonali li jaħdmu f’dan il-qasam, bħalma hi t-Task Force ta’ Azzjoni Finanzjarja (FATF).

3. Iż-żewġ Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, eż. permezz tat-twettiq ta’ proġetti tal-bini ta' kapaċità.

ARTIKOLU 23

Ġlieda Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni kif definiti fil-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokolli supplimentari tagħha u l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni. Din il-kooperazzjoni għandha l-għan li tippromwovi u timplimenta dawn il-konvenzjonijiet u strumenti oħrajn applikabbli li għalihom huma parti.

2. Soġġetta għar-riżorsi disponibbli, din il-kooperazzjoni għandha tinkludi miżuri u proġetti ta' bini ta' kapaċità.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fost l-awtoritajiet, l-aġenziji u s-servizzi tal-infurzar tal-liġi u li jikkontribwixxu għat-tfixkil u t-tneħħija ta' theddid kriminali transnazzjonali komuni għall-Partijiet fi ħdan il-qafas tal-leġislazzjonijiet rispettivi tagħhom. Il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet, l-aġenziji u s-servizzi tal-infurzar tal-liġi tista' tieħu l-forma ta' assistenza reċiproka fl-investigazzjonijiet, il-kondiviżjoni ta' teknika investigattiva, tagħlim u taħriġ konġunt tal-persunal tal-infurzar tal-liġi u kwalunkwe tip ta' attività u assistenza konġunta oħra, inklużi l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol eżistenti permezz tas-Sistema Globali ta' Komunikazzjoni tal-Pulizija tal-Interpol (I-24/7) jew ta' sistema simili għall-iskambju ta' informazzjoni, kif jista' jkun maqbul reċiprokament mill-Partijiet.

## ARTIKOLU 24

## Protezzjoni ta' Data Personali

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw, sabiex itejbu l-livell tal-protezzjoni ta’ data personali sal-ogħla standards internazzjonali, bħal dawk li jinsabu, *inter alia*, fil-Linji Gwida għall-Kontroll tal-Fajls Kompjuterizzati b’Data Personali adottati mir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 45/95 tal-14 ta’ Diċembru 1990.

2. It-tisħiħ tal-protezzjoni ta' data permezz tal-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni fil-protezzjoni ta' data personali jista’ jinkludi, *inter alia*, assistenza teknika fil-forma ta’ skambju ta’ informazzjoni u ta’ kompetenzi li jista’ jinkludi, iżda ma jkunx limitat għal dan li ġej:

a) il-kondiviżjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni, stħarriġ, riċerka, linji ta' politika, proċeduri u l-aħjar prattiki relatati mal-protezzjoni ta' data;

b) it-tmexxija ta’ u/jew il-parteċipazzjoni f’taħriġ konġunt u fi programmi edukattivi, djalogi u konferenzi li jtejbu l-għarfien dwar il-protezzjoni ta' data taż-żewġ Partijiet;

c) l-iskambju ta’ professjonisti u esperti li jistudjaw il-politika tal-protezzjoni ta' data.

## ARTIKOLU 25

### Refuġjati u Persuni Spostati Internament

Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jkomplu jikkooperaw, fejn adatt, fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-benesseri tar-refuġjati u tal-persuni spostati internament, filwaqt li jikkunsidraw il-ħidma u l-assistenza diġà pprovduti, inkluż it-tiftix għal soluzzjonijiet dejjiema.

## TITOLU V

## KOOPERAZZJONI DWAR IL-MIGRAZZJONI U X-XOGĦOL MARITTIMU

## ARTIKOLU 26

### Kooperazzjoni dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza tal-ġestjoni konġunta tal-flussi migratorji bejn it-territorji tagħhom. Bil-ħsieb tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu għal djalogu komprensiv u għal konsultazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-migrazzjoni. It-tħassib dwar il-migrazzjoni għandu jkun inkluż fl-istrateġiji nazzjonali/fil-qafas ta' żvilupp nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi ta' oriġini, ta' transitu u ta' destinazzjoni tal-migranti.

2. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni speċifika tal-ħtiġijiet li titmexxa b'konsultazzjoni reċiproka u ftehim bejn il-Partijiet u tiġi implimentata skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali fis-seħħ. Hija għandha tiffoka, b'mod partikolari, fuq:

a) il-fatturi li joħolqu u li jiġbdu l-migrazzjoni;

b) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-prattiki nazzjonali li jirrigwardaw il-protezzjoni u d-drittijiet tal-migranti, bil-ħsieb li jiġu sodisfatti d-dispożizzjonijiet ta' strumenti internazzjonali applikabbli li jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet tal-migranti;

c) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-prattiki nazzjonali li jirrigwardaw il-protezzjoni internazzjonali, bil-ħsieb li jiġu sodisfatti d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Dwar l-Istatus tar-Refuġjati ffirmata fit-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tagħha ffirmat fil-31 ta' Jannar 1967, u strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn, u sabiex jiġi żgurat ir-rispett lejn il-prinċipju ta' *non-refoulement*;

d) ir-regoli ta' ammissjoni, kif ukoll id-drittijiet u l-istatus tal-persuni ammessi, il-provvediment ta' trattament ġust u t-toroq għall-integrazzjoni ta' residenti legali li mhumiex ċittadini, l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-miżuri kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni, u l-ksenofobija;

e) l-istabbiliment ta' politika effettiva u preventiva għall-indirizzar tal-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadin tal-Parti l-oħra li ma jissodisfax, jew li ma jibqax jissodisfa, il-kondizzjonijiet ta' dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Parti kkonċernata, il-kuntrabandu ta' persuni, u t-traffikar tal-bnedmin, inklużi metodi li jiġġieldu n-networks ta' kuntrabandisti u ta' traffikanti u metodi li jipproteġu lill-vittmi ta' tali attivitajiet;

f) ir-ritorn ta’ persuni kif definiti fil-paragrafu 2, punt e) ta' dan l-Artikolu, taħt kondizzjonijiet umani u dinjitużi, inkluż il-promozzjoni tar-ritorn volontarju u sostenibbli tagħhom lejn il-pajjiżi ta’ oriġini, u l-ammissjoni/l-ammissjoni mill-ġdid skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Ir-ritorn ta' dawn il-persuni għandu jsir billi jiġi kkunsidrat kif dovut id-dritt tal-Partijiet li jagħtu permessi ta’ residenza jew awtorizzazzjonijiet ta’ soġġorn għal raġunijiet umanitarji u ta’ kompassjoni u fuq il-prinċipju ta' *non-refoulement*;

g) kwistjonijiet identifikati bħala li huma ta’ interess reċiproku fil-qasam tal-viżi u tas-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, kif ukoll tal-ġestjoni tal-fruntieri;

h) il-kwistjonijiet tal-migrazzjoni u tal-iżvilupp inkluż l-iżvilupp ta’ riżorsi umani, il-protezzjoni soċjali, l-immassimizzar tal-benefiċċji mill-migrazzjoni, is-sessi u l-iżvilupp, ir-reklutaġġ etiku u l-migrazzjoni ċirkolari, u l-integrazzjoni tal-migranti.

3. Fil-qafas ta' kooperazzjoni f’dan il-qasam u mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ta’ protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, il-Partijiet qegħdin jaqblu wkoll li:

a) Il-Filippini għandhom jaċċettaw lura kull ċittadin tagħhom kif definit fil-paragrafu 2, punt e) ta' dan l-Artikolu li jkun preżenti fit-territorju ta’ Stat Membru fuq talba ta’ dan tal-aħħar, mingħajr dewmien żejjed ladarba ċ-ċittadinanza tiegħu tkun ġiet stabbilita u jkun sar il-proċess dovut fl-Istat Membru.

b) Kull Stat Membru għandu jaċċetta lura kull ċittadin tiegħu kif definit fil-paragrafu 2, punt e) ta' dan l-Artikolu li jkun preżenti fit-territorju tal-Filippini fuq talba ta’ dan tal-aħħar, mingħajr dewmien żejjed ladarba ċ-ċittadinanza tiegħu tkun ġiet stabbilita u jkun sar il-proċess dovut fil-Filippini.

c) L-Istati Membri u l-Filippini għandhom jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom bid-dokumenti meħtieġa għal dawn il-finijiet. Kwalunkwe talba għal ammissjoni jew għal ammissjoni mill-ġdid għandha tkun trasmessa mill-istat rikjedenti lill-awtorità kompetenti tal-istat mitlub.

Jekk il-persuna kkonċernata ma jkollhiex dokumenti ta' identità adatti jew prova oħra taċ-ċittadinanza tagħha, il-Filippini jew l-Istat Membru għandhom jitolbu minnufih lir-rappreżentanza diplomatika jew konsulari kompetenti kkonċernata biex tiżgura ċ-ċittadinanza tagħha, jekk ikun meħtieġ permezz ta' intervista; u ladarba jkun aċċertat li din tkun ċittadin tal-Filippini jew ta' Stat Membru, għandhom jinħarġu dokumenti adatti mill-awtoritajiet kompetenti Filippini jew tal-Istat Membru.

4. Il-Partijiet jaqblu li jikkonkludu mill-aktar fis possibbli ftehim għall-ammissjoni/għall-ammissjoni mill-ġdid taċ-ċittadini tagħhom, inkluża dispożizzjoni dwar l-ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi oħrajn u ta' persuni apolidi.

## ARTIKOLU 27

### Xogħol Marittimu, Edukazzjoni u Taħriġ

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-qasam tax-xogħol marittimu sabiex jippromwovu u jassiguraw kondizzjonijiet ta' għixien u ta' xogħol deċenti għall-baħħara, sigurtà personali u protezzjoni tal-baħħara, sigurtà fuq il-post tax-xogħol u politiki u programmi ta' saħħa.

2. Barra minn hekk, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-qasam tal-edukazzjoni marittima, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara sabiex ikunu żgurati l-operazzjonijiet marittimi sikuri u effiċjenti u l-prevenzjoni ta' ħsara lill-ambjent; inkluż l-aġġornament tal-kompetenzi tal-ekwipaġġ sabiex jadatta għar-rekwiżiti li jinbidlu tal-industrija tat-tbaħħir u l-progress teknoloġiku.

3. Il-Partijiet għandhom jirrispettaw u josservaw il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet stipulati fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar b'mod partikolari fejn tirreferi għad-dmirijiet u l-obbligi ta' kull Parti fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, ta' kwistjonijiet tal-ekwipaġġ u dawk soċjali dwar il-vapuri li jtajru l-bandiera tagħha; il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Istandards tat-Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni u l-Għassa għall-Baħħara (il-Konvenzjoni dwar l-STCW), kif emendata, fir-rigward tat-taħriġ tal-baħħara u tar-rekwiżiti ta' kompetenza tagħhom; u l-prinċipji u d-dispożizzjonijiet previsti fi strumenti internazzjonali rilevanti li għalihom huma parti.

4. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandha tkun ibbażata fuq konsultazzjoni reċiproka u djalogu bejn il-Partijiet, b'attenzjoni, *inter alia*, fuq:

a) l-edukazzjoni u t-taħriġ marittimi;

b) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-appoġġ dwar attivitajiet marittimi relatati;

c) il-metodi ta' tagħlim applikati u l-aħjar prattiki dwar it-taħriġ;

d) il-programmi li jindirizzaw il-piraterija u t-terroriżmu fuq il-baħar;

e) id-dritt tal-baħħara għal post tax-xogħol sikur; kondizzjonijiet deċenti tax-xogħol u tal-għixien abbord; u l-protezzjoni tas-saħħa, il-kura medika, miżuri ta' benesseri u forom oħrajn ta' protezzjoni soċjali.

# TITOLU VI

# KOOPERAZZJONI EKONOMIKA U TAL-IŻVILUPP, U SETTURI OĦRAJN

## ARTIKOLU 28

### Impjiegi u Affarijiet Soċjali

1. Il-Partijiet jaqblu li jtejbu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, inkluża l-kooperazzjoni fil-koeżjoni reġjonali u soċjali, b'referenza għall-Artikolu 26(2)(b), is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u x-xogħol deċenti, bil-ħsieb li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li jappoġġaw il-proċess tal-globalizzazzjoni li hija ta' benefiċċju għal kulħadd u li jippromwovu l-impjieg sħiħ u produttiv u x-xogħol deċenti bħala element ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli u tat-tnaqqis tal-faqar, kif approvat mir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 60/1 tal-24 ta' Ottubru 2005 (l-Eżitu tas-Summit Dinji 2005) u d-Dikjarazzjoni Ministerjali tas-segment ta' livell għoli tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU ta' Lulju 2006 (il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU E/2006/L.8 tal-5 ta' Lulju 2006). Il-Partijiet għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi rispettivi u n-natura diversa tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u soċjali tagħhom.

3. Filwaqt li jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jirrispettaw, jippromwovu u jwettqu standards soċjali u tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment, kif imsemmi b'mod partikolari fid-Dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol tal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-konvenzjonijiet tal-ILO li għalihom huma parti, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fi programmi u proġetti speċifiċi ta' assistenza teknika, kif maqbula reċiprokament. Il-Partijiet bl-istess mod jaqblu li jkollhom djalogu, kooperazzjoni u inizjattivi dwar suġġetti ta' interess komuni fil-livell bilaterali jew multilaterali, bħal-livell tan-NU, l-IOM, l-ILO, l-ASEM u l-UE-ASEAN.

ARTIKOLU 29

Kooperazzjoni fl-Iżvilupp

1. L-għan ewlieni tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp huwa li tinkoraġġixxi l-iżvilupp sostenibbli li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar u għall-kisba ta' għanijiet ta' żvilupp maqbula internazzjonalment inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Il-Partijiet għandhom jidħlu fi djalogu regolari dwar il-kooperazzjoni fl-iżvilupp f'konformità mal-prijoritajiet rispettivi tagħhom u l-oqsma ta' interess reċiproku.

2. Id-djalogu dwar il-kooperazzjoni fl-iżvilupp għandu jimmira lejn, *inter alia*:

a) il-promozzjoni tal-iżvilupp uman u soċjali;

b) it-twettiq ta' tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli;

c) il-promozzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali u l-ġestjoni soda ta' riżorsi naturali inkluża l-promozzjoni tal-aħjar prattiki;

d) it-tnaqqis tal-impatt u l-ġestjoni tal-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima;

e) it-titjib tal-kapaċità biex tiġi implimentata integrazzjoni akbar fl-ekonomija dinjija u fis-sistema tal-kummerċ internazzjonali;

f) il-promozzjoni tar-riforma fis-settur pubbliku b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi sabiex jitjieb l-għoti tas-servizzi soċjali;

g) l-istabbiliment ta' proċessi li huma konformi mal-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettività tal-Għajnuna, l-Aġenda ta' Accra għall-Azzjoni, u impenji internazzjonali oħrajn immirati lejn it-titjib tal-għoti ta' għajnuna u l-effikaċja tagħha.

ARTIKOLU 30

Djalogu dwar il-Politika Ekonomika

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fir-rigward tal-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni dwar it-tendenzi u l-politiki ekonomiċi rispettivi tagħhom, u tal-kondiviżjoni ta' esperjenzi fil-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi fil-kuntest ta' kooperazzjoni u integrazzjoni ekonomiċi reġjonali.

2. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li japprofondixxu d-djalogu bejn l-awtoritajiet tagħhom dwar kwistjonijiet ekonomiċi li, kif maqbul mill-Partijiet, jistgħu jinkludu oqsma bħall-politika monetarja, il-politika fiskali, inkluża t-tassazzjoni tan-negozju, il-finanzi pubbliċi, u l-istabbilizzazzjoni makroekonomika u d-dejn estern.

ARTIKOLU 31

Soċjetà Ċivili

Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol u l-kontribuzzjoni potenzjali ta’ soċjetà ċivili organizzata fil-governanza demokratika u jaqblu li jippromwovu djalogu effettiv u interazzjoni mas-soċjetà ċivili, f’konformità mal-liġijiet domestiċi applikabbli tal-Partijiet.

ARTIKOLU 32

Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri

1. Il-Partijiet jaqblu li jżidu l-kooperazzjoni fil-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri (DRM) fl-iżvilupp kontinwu u l-implimentazzjoni ta’ miżuri sabiex jitnaqqas ir-riskju għall-komunitajiet u jiġu ttrattati l-konsegwenzi ta’ diżastri naturali f’kull livell tas-soċjetà. Għandha tingħata importanza lill-azzjonijiet ta’ prevenzjoni u l-approċċi proattivi biex jiġu ttrattati l-perikli u r-riskji għat-tnaqqis tar-riskji jew tal-vulnerabbiltajiet għad-diżastri naturali.

2. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex jagħmlu d-DRM parti integrali mill-pjanijiet ta’ żvilupp u l-proċessi ta’ tfassil ta’ politiki li jirrigwardaw l-avvenimenti ta’ diżastri naturali.

3. Il-kooperazzjoni f’dan il-qasam għandha tiffoka fuq dawn l-elementi ta’ programmi li ġejjin:

a) it-tnaqqis jew il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju ta’ diżastri;

b) il-ġestjoni tal-għarfien, l-innovazzjoni, ir-riċerka, u l-edukazzjoni għall-bini ta’ kultura ta’ sigurtà u ta’ reżiljenza fil-livelli kollha;

c) it-tħejjija għad-diżastri;

d) il-politika, l-iżvilupp tal-kapaċità istituzzjonali u tal-kunsens għall-ġestjoni ta' diżastri;

e) ir-rispons għad-diżastri;

f) il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tar-riskji ta' diżastri;

g) l-irkupru mid-diżastri u l-ippjanar tar-rijabilitazzjoni;

h) l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

ARTIKOLU 33

Enerġija

1. Il-Partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom biex itejbu l-kooperazzjoni fis-settur tal-enerġija bil-ħsieb li:

a) joħolqu kondizzjonijiet favorevoli għall-investiment, b’mod partikolari fl-infrastrutturi u joffru kondizzjonijiet indaqs għall-enerġija rinnovabbli;

b) jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija sabiex itejbu s-sigurtà tal-enerġija inkluż l-iżvilupp ta’ forom ta’ enerġija ġodda, sostenibbli, innovattivi u rinnovabbli, u jagħtu appoġġ lill-istituzzjonalizzazzjoni ta’ oqfsa ta’ politika adatti sabiex jinħolqu kondizzjonijiet indaqs għall-enerġija rinnovabbli u l-integrazzjoni tagħha f’oqsma ta’ politika rilevanti;

c) jiżviluppaw standards ta’ enerġija konverġenti b’mod speċjali għall-bijofjuwils u fjuwils alternattivi oħrajn, faċilitajiet u prattiki relatati;

d) jiksbu użu razzjonali tal-enerġija billi jippromwovu l-effiċjenza tal-enerġija u l-konservazzjoni fil-produzzjoni, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu finali tal-enerġija;

e) ikattru t-trasferiment tat-teknoloġija bejn l-intrapriżi tal-Partijiet immirat lejn il-produzzjoni u l-użu sostenibbli tal-enerġija. Dan jista’ jsir permezz ta’ kooperazzjoni adatta b’mod speċjali fl-oqsma tar-riformi fis-settur tal-enerġija, l-iżvilupp ta’ riżorsi tal-enerġija, faċilitajiet downstream u l-iżvilupp tal-bijofjuwils;

f) itejbu l-bini ta' kapaċità fl-oqsma kollha koperti minn dan l-Artikolu u jippromwovu investimenti reċiproċi favorevoli u attraenti permezz ta’ djalogu konsistenti mmirat lejn regoli stabbli, trasparenti, miftuħa u mhux diskriminatorji għall-investituri, li jesploraw mekkaniżmi amministrattivi sabiex jiffaċilitaw il-flussi ta’ investiment, f’konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Partijiet.

2. Għal dawn il-finijiet, il-Partijiet jaqblu li jippromwovu l-kuntatti u r-riċerka konġunta għall-benefiċċju reċiproku tal-Partijiet, b'mod partikolari permezz ta' oqfsa reġjonali u internazzjonali rilevanti. B'referenza għall-Artikolu 34 u l-konklużjonijiet tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (WSSD), li sar f'Johannesburg fl-2002, il-Partijiet jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu indirizzati r-rabtiet bejn l-aċċess bi prezz li jintlaħaq għas-servizzi tal-enerġija u l-iżvilupp sostenibbli. Dawn l-attivitajiet jistgħu jkunu promossi f'kooperazzjoni mal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea dwar l-Enerġija, imnedija waqt il-WSSD.

3. Il-Partijiet, f'konformità mal-impenji tagħhom bħala partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, jaqblu li jippromwovu l-kooperazzjoni teknika u s-sħubiji privati, fl-enerġija sostenibbli u rinnovabbli, l-iskambju bejn il-fjuwils u l-proġetti tal-effiċjenza tal-enerġija permezz ta' mekkaniżmi flessibbli bbażati fuq is-suq bħall-mekkaniżmu tas-suq tal-faħam.

ARTIKOLU 34

Ambjent u Riżorsi Naturali

1. Il-Partijiet jaqblu li l-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandha tippromwovi l-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent bil-għan li jinkiseb żvilupp sostenibbli. L-implimentazzjoni tal-eżitu tad-WSSD u ta' ftehimiet ambjentali multilaterali rilevanti li għalihom huma partijiet għandha tiġi kkunsidrata fl-attivitajiet kollha li jsiru mill-Partijiet skont dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jaqblu dwar il-ħtieġa li jikkonservaw u jamministraw b'mod sostenibbli r-riżorsi naturali u d-diversità bijoloġika għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet kollha filwaqt li jikkunsidraw il-ħtiġijiet ta' żvilupp tagħhom.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bil-ħsieb li jtejbu l-appoġġ reċiproku tal-politika kummerċjali u ambjentali, u l-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet ambjentali fis-setturi kollha ta' kooperazzjoni.

4. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jkomplu u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fi programmi reġjonali dwar il-protezzjoni tal-ambjent, fir-rigward ta’:

a) it-titjib tas-sensibilizzazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni lokali fl-isforzi għall-protezzjoni ambjentali u għall-iżvilupp sostenibbli, inkluża l-parteċipazzjoni ta’ komunitajiet kulturali indiġeni/ta' popli indiġeni u komunitajiet lokali;

b) il-bini ta' kapaċità fl-adattament u fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-effiċjenza tal-enerġija;

c) il-bini ta' kapaċità għall-parteċipazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ ftehimiet ambjentali multilaterali inkluż iżda mhux limitat biss għall-bijodiversità u l-bijosikurezza;

d) il-promozzjoni ta’ teknoloġiji, prodotti u servizzi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, inkluż permezz tal-użu ta’ strumenti regolatorji u bbażati fuq is-suq;

e) it-titjib tar-riżorsi naturali li jinkludu l-governanza tal-foresti u l-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ assoċjat, u l-promozzjoni ta’ riżorsi naturali sostenibbli inkluża l-ġestjoni tal-foresti;

f) il-ġestjoni effettiva tal-parks nazzjonali u ta' żoni protetti u l-għażla u l-protezzjoni ta’ żoni ta’ bijodiversità u ta' ekosistemi fraġli, b’attenzjoni dovuta għall-komunitajiet lokali u indiġeni li jgħixu f’dawk iż-żoni jew qribhom;

g) il-prevenzjoni ta' moviment transkonfinali illegali ta’ skart solidu u perikoluż u ta' forom oħrajn ta’ skart;

h) il-protezzjoni ta’ ambjenti kostali u marittimi u l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi tal-ilma;

i) il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ħamrija u l-ġestjoni sostenibbli tal-art, inkluża r-rijabilitazzjoni ta’ minjieri użati kompletament/ta' minjieri abbandunati;

j) il-promozzjoni tal-bini ta' kapaċità fil-ġestjoni tad-diżastri u tar-riskji;

k) il-promozzjoni ta’ mudelli ta’ Konsum u Produzzjoni Sostenibbli fl-ekonomiji tagħhom.

5. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-aċċess reċiproku għall-programmi tagħhom f’dan il-qasam, skont it-termini speċifiċi ta’ dawn il-programmi.

ARTIKOLU 35

Agrikoltura, Sajd u Żvilupp Rurali

1. Il-Partijiet jaqblu li jinkoraġġixxu d-djalogu u jippromwovu l-kooperazzjoni lejn l-iżvilupp sostenibbli fl-agrikoltura, is-sajd u l-iżvilupp rurali. L-oqsma ta’ djalogu jistgħu jinkludu:

a) il-politika agrikola u l-prospetti internazzjonali agrikoli inġenerali;

b) il-possibbiltajiet ta' faċilitazzjoni ta' kummerċ fil-pjanti, l-annimali, l-annimali akkwatiċi u l-prodotti tagħhom filwaqt li jiġu kkunsidrati l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-IPPC u l-OIE, fost oħrajn, li għalihom huma partijiet;

c) it-trattament xieraq tal-annimali;

d) il-politika tal-iżvilupp f'żoni rurali;

e) il-politika ta' kwalità għall-pjanti, l-annimali u l-prodotti akkwatiċi, u b'mod partikolari l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi;

f) l-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, l-agroindustrija, il-bijofjuwils u t-trasferiment tal-bijoteknoloġiji;

g) il-protezzjoni tal-varjetajiet ta' pjanti, it-teknoloġija taż-żrieragħ, it-titjib tal-produttività tal-uċuħ tar-raba', it-teknoloġiji alternattivi tal-uċuħ tar-raba' inkluża l-bijoteknoloġija agrikola;

h) l-iżvilupp ta' bażijiet ta' data dwar l-agrikoltura, is-sajd u l-iżvilupp rurali;

i) it-tisħiħ tar-riżorsi umani fil-qasam tal-agrikoltura, l-affarijiet veterinarji u s-sajd;

j) l-appoġġ ta' politika sostenibbli u responsabbli fit-tul għall-baħar u s-sajd, inklużi t-teknoloġiji tas-sajd, il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi kostali u riżorsi marittimi tal-ibħra internazzjonali;

k) il-promozzjoni ta’ sforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra prattiki tas-sajd illegali, mhux irrappurtati, u mhux regolati u l-kummerċ assoċjat;

l) il-miżuri relatati mal-iskambju ta’ esperjenza u ta' sħubiji, l-iżvilupp ta’ proġetti konġunti u netwerks ta’ kooperazzjoni bejn aġenti lokali jew operaturi ekonomiċi inklużi miżuri li jtejbu l-aċċess għall-finanzi f’oqsma bħar-riċerka u t-trasferiment tat-teknoloġija;

m) it-tisħiħ ta’ assoċjazzjonijiet tal-produtturi u ta' attivitajiet ta’ promozzjoni tal-kummerċ.

ARTIKOLU 36

Żvilupp Reġjonali u Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-fehim reċiproku u l-kooperazzjoni bilaterali fil-qasam tal-politika reġjonali.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu u jsaħħu l-iskambju ta’ informazzjoni u l-kooperazzjoni dwar il-politika reġjonali, b’attenzjoni speċjali għall-iżvilupp ta’ żoni żvantaġġati, ir-rabtiet urbani-rurali u l-iżvilupp rurali.

3. Il-kooperazzjoni fil-politika reġjonali tista’ tieħu l-forom li ġejjin:

a) metodi ta’ formulazzjoni u implimentazzjoni ta’ politiki reġjonali;

b) governanza u sħubija fuq diversi livelli;

c) relazzjonijiet urbani-rurali;

d) żvilupp rurali, inklużi inizjattivi għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi u għall-iżvilupp sostenibbli;

e) statistika.

ARTIKOLU 37

Politika Industrijali u Kooperazzjoni tal-SMEs

Il-Partijiet, waqt li jikkunsidraw il-politiki u l-objettivi ekonomiċi rispettivi tagħhom, jaqblu li jippromwovu l-kooperazzjoni fil-politika industrijali fl-oqsma kollha meqjusa bħala adatti, bil-ħsieb li tinħoloq klima li twassal għal żvilupp ekonomiku u li tittejjeb il-kompetittività tal-industriji, b'mod speċjali tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), *inter alia*, permezz ta':

a) il-promozzjoni ta' netwerking fost l-operaturi ekonomiċi, b'mod speċjali l-SMEs, bil-għan li jiġu skambjati l-informazzjoni u l-esperjenzi, jiġu identifikati opportunitajiet f'setturi ta' interess reċiproku, trasferiment tat-teknoloġija u tisħiħ tal-kummerċ u l-investiment;

b) l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi dwar il-ħolqien ta' kondizzjonijiet qafas li jwasslu għal ambjent għan-negozju, b'mod speċjali l-SMEs, sabiex dawn itejbu l-kompetittività tagħhom;

c) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żewġ Partijiet fi proġetti pilota u fi programmi speċjali skont it-termini speċifiċi tagħhom;

d) il-promozzjoni ta' investimenti u ta' impriżi konġunti li jħeġġu t-trasferiment tat-teknoloġija, l-innovazzjoni, l-immodernizzar, id-diversifikazzjoni, u inizjattivi ta' kwalità;

e) il-forniment ta' informazzjoni u l-istimulazzjoni tal-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin dwar l-aċċess għall-finanzi, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u intrapriżi mikro;

f) il-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali u ta' dik korporattiva u l-inkoraġġiment ta' prattiki ta' negozju responsabbli, inkluż il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli;

g) l-iżvilupp ta' proġetti konġunti ta' riċerka f'oqsma industrijali magħżula u ta' kooperazzjoni fil-proġetti ta' bini ta' kapaċità inkluż fi standards u proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità u regolamenti tekniċi, skont kif jiġi maqbul reċiprokament.

## ARTIKOLU 38

## Trasport

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fl-oqsma rilevanti tal-politika dwar it-trasport sabiex itejbu l-opportunitajiet ta' investiment u l-moviment ta' merkanzija u passiġġieri, jippromwovu s-sigurtà u s-sikurezza tat-trasport bil-baħar u tal-avjazzjoni, jindirizzaw l-impatt ambjentali tat-trasport u jżidu l-effiċjenza tas-sistemi ta' trasport tagħhom.

2. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet f'dan il-qasam għandha timmira lejn il-promozzjoni ta':

a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-politiki, ir-regolamenti u l-prattiki tat-trasport rispettivi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasport urban u rurali, it-trasport bil-baħar, it-trasport bl-ajru, il-loġistika tat-trasport, u l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks ta' trasport multimodali kif ukoll il-ġestjoni tat-toroq, tal-linji tal-ferrovija, tal-portijiet u tal-ajruporti;

b) l-iskambju ta' fehmiet dwar is-Sistemi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita (b'mod partikolari Galileo) b'attenzjoni fuq kwistjonijiet regolatorji, industrijali, u ta' żvilupp tas-suq ta' benefiċċju reċiproku;

c) il-kontinwità tad-djalogu fil-qasam tas-servizzi tat-trasport bl-ajru bil-ħsieb li tkun żgurata ċ-ċertezza legali mingħajr dewmien żejjed għall-ftehimiet bilaterali tas-servizzi tal-ajru eżistenti bejn l-Istati Membri individwali u l-Filippini;

d) il-kontinwità tad-djalogu dwar it-titjib tan-netwerks u tal-operazzjonijiet ta' infrastruttura tat-trasport bl-ajru għall-moviment mgħaġġel, effiċjenti, sostenibbli, bla periklu u sikur ta' persuni u ta' merkanzija, u l-promozzjoni tal-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni u r-regolament ekonomiku tal-industrija tal-ajru, bil-ħsieb li jingħata appoġġ lill-konverġenza regolatorja u li jsir titjib tan-negozju, u li jiġu eżaminati l-possibbiltajiet għal żvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet fil-qasam tat-trasport bl-ajru. Il-proġetti ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-trasport bl-ajru ta' interess reċiproku għandhom jiġu promossi aktar;

e) id-djalogu fil-qasam tal-politika u s-servizzi tat-trasport bil-baħar b'mod partikolari bil-għan li jiġi promoss l-iżvilupp tal-industrija tat-trasport bil-baħar inkluż iżda mhux limitat biss għal:

i) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-leġislazzjoni u r-regolamenti li jirrigwardaw it-trasport marittimu u l-portijiet;

ii) il-promozzjoni ta' aċċess mingħajr restrizzjoni għas-swieq u s-snajja marittimi internazzjonali fuq bażi kummerċjali, l-astensjoni mill-introduzzjoni ta' klawżoli ta' kondiviżjoni tal-merkanzija, l-għoti ta' trattament nazzjonali u tal-klawżoli tal-Aktar Nazzjon Favorit (MFN) lill-bastimenti mħaddma minn ċittadini jew minn kumpanniji tal-Parti l-oħra kif ukoll kwistjonijiet rilevanti relatati mas-servizzi tat-trasport minn bieb għal bieb li jinvolvu l-waqfiet fuq il-baħar b'konsiderazzjoni għal-liġijiet domestiċi tal-Partijiet;

iii) l-amministrazzjoni effettiva tal-portijiet u l-effiċjenza tas-servizzi tat-trasport bil-baħar; u

iv) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni fit-trasport bil-baħar ta' interess reċiproku u l-qasam tax-xogħol marittimu, l-edukazzjoni u t-taħriġ, skont l-Artikolu 27.

f) djalogu dwar l-implimentazzjoni effettiva ta' standards ta' sigurtà tat-trasport, ta' sikurezza u ta' prevenzjoni tat-tniġġis, l-aktar fir-rigward tat-trasport bil-baħar, b'mod partikolari bl-inklużjoni tal-ġlieda kontra l-piraterija, u t-trasport bl-ajru, f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti li għalihom huma partijiet, u ta' standards, li jinkludu l-kooperazzjoni fil-fora internazzjonali adatta, li għandhom l-għan li jiżguraw infurzar aħjar tar-regolamenti internazzjonali. Għal dan il-għan, il-Partijiet ser jippromwovu l-kooperazzjoni teknika u l-assistenza fi kwistjonijiet relatati mas-sikurezza tat-trasport, is-sigurtà u l-konsiderazzjoni ambjentali inklużi iżda mhux limitati għall-edukazzjoni u t-taħriġ marittimu u tal-avjazzjoni, it-tiftix u s-salvataġġ, u l-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti. Il-Partijiet ser jiffukaw ukoll fuq il-promozzjoni ta' mezzi ta' trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

ARTIKOLU 39

Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija waqt li jikkunsidraw l-objettivi ta' politika rispettivi tagħhom.

2. L-għanijiet ta’ din il-kooperazzjoni għandhom ikunu biex:

a) jinkoraġġixxu l-iskambju ta’ informazzjoni u ta’ għarfien dwar ix-xjenza u t-teknoloġija, partikolarment dwar l-implimentazzjoni ta’ politiki u ta’ programmi kif ukoll id-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali għar-riċerka u interventi ta’ żvilupp;

b) jippromwovu relazzjonijiet u sħubiji ta’ riċerka dejjiema bejn il-komunitajiet xjentifiċi, iċ-ċentri ta’ riċerka, l-universitajiet u l-industrija tal-Partijiet;

c) jippromwovu t-taħriġ tar-riżorsi umani u l-bini ta' kapaċità fit-teknoloġija u fir-riċerka.

3. Il-kooperazzjoni għandha tieħu l-forma ta’ proġetti konġunti ta’ riċerka u skambji, laqgħat u taħriġ tar-riċerkaturi permezz ta’ skemi ta’ mobbiltà u ta' taħriġ internazzjonali u programmi ta’ skambju, li jipprovdu għall-akbar tixrid possibbli tar-riżultati tar-riċerka, tat-tagħlim u tal-aħjar prattiki. Jista’ jintlaħaq ftehim reċiproku dwar metodi oħrajn ta’ kooperazzjoni.

4. Dawn l-attivitajiet ta' kooperazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji tar-reċiproċità, it-trattament ġust u l-benefiċċji reċiproċi u jiżguraw protezzjoni adatta tal-proprjetà intellettwali. Kwalunkwe kwistjoni ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali li tista' tinqala' fil-kuntest tal-kooperazzjoni skont dan il-Ftehim tista', fejn ikun meħtieġ, tkun soġġetta għal negozjati bejn l-aġenziji jew il-gruppi rilevanti involuti qabel ma jingħata bidu għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni u tista' tinkludi kwistjonijiet tad-drittijiet tal-awtur, trejdmarks u privattivi filwaqt li jiġu kkunsidrati l-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet.

5. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, taċ-ċentri ta' riċerka, u tas-setturi produttivi rispettivi tagħhom inklużi l-SMEs.

6. Il-Partijiet jaqblu li jagħmlu kull sforz biex iżidu l-għarfien pubbliku dwar il-possibbiltajiet offruti mill-programmi rispettivi tagħhom għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika.

## ARTIKOLU 40

### Kooperazzjoni fit-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

1. Waqt li jirrikonoxxu li t-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) hija element ewlieni tal-ħajja moderna u hija ta' importanza vitali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jiskambjaw opinjonijiet dwar il-politiki rispettivi tagħhom f'dan il-qasam bil-ħsieb li jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku.

2. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam għandha, *inter alia*, tiffoka fuq:

a) il-parteċipazzjoni fid-djalogu reġjonali komprensiv dwar l-aspetti differenti tas-soċjetà tal-informazzjoni, b'mod partikolari l-politiki u r-regolamenti dwar il-komunikazzjoni elettronika inkluż is-servizz universali, il-liċenzjar u l-awtorizzazzjonijiet ġenerali, u l-indipendenza u l-effiċjenza tal-awtorità regolatorja, il-governanza elettronika, ir-riċerka, u s-servizzi li jistgħu jaħdmu bl-ICT;

b) l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks (bħat-TEIN) u s-servizzi tal-Partijiet u tal-Asja tax-Xlokk;

c) l-istandardizzazzjoni u t-tixrid ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti fil-qasam tal-ICT;

d) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fir-riċerka fil-qasam tal-ICT dwar suġġetti ta' interess reċiproku għall-Partijiet;

e) il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fi sforz sabiex titnaqqas il-qasma diġitali;

f) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u mekkaniżmi dwar aspetti ta' sigurtà tal-ICT u dwar il-ġlieda kontra l-ċiberkriminalità;

g) il-kondiviżjoni ta' esperjenzi dwar it-tixrid tat-televiżjoni diġitali, kif ukoll dwar aspetti regolatorji, il-ġestjoni tal-ispettru u r-riċerka;

h) il-promozzjoni ta' sforzi u l-kondiviżjoni ta' esperjenzi dwar l-iżvilupp ta' riżorsi umani fil-qasam tal-ICT.

ARTIKOLU 41

Awdjoviżiv, Media u Multimedia

Il-Partijiet ser jinkoraġġixxu, jappoġġaw u jiffaċilitaw l-iskambji, il-kooperazzjoni u d-djalogu bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenti rilevanti tagħhom fl-oqsma tal-awdjoviżiv, il-media u l-multimedia. Huma jaqblu li jistabbilixxu djalogu politiku regolari f'dawn l-oqsma.

ARTIKOLU 42

Kooperazzjoni fit-Turiżmu

1. Immexxija mill-Kodiċi ta' Etika għat-Turiżmu tal-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu u l-prinċipji tas-sostenibbiltà li jiffurmaw il-bażi tal-proċess tal-Aġenda Lokali 21, il-Partijiet għandhom itejbu l-iskambju ta' informazzjoni u jistabbilixxu l-aħjar prattiki sabiex jiżguraw żvilupp ibbilanċjat u sostenibbli fit-turiżmu.

2. Iż-żewġ Partijiet jaqblu li jkollhom djalogu bil-għan li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni, inkluża l-assistenza teknika, fl-oqsma tat-taħriġ tar-riżorsi umani u tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda għad-destinazzjonijiet f'konformità mal-prinċipji ta' turiżmu sostenibbli.

3. Il-Partijiet jaqblu li jiżviluppaw kooperazzjoni għas-salvagwardja u l-immassimizzar tal-potenzjal tal-patrimonju naturali u kulturali, sabiex jittaffew l-impatti negattivi tat-turiżmu, u sabiex tiżdied il-kontribuzzjoni pożittiva tal-industrija tat-turiżmu għall-iżvilupp sostenibbli tal-komunitajiet lokali, *inter alia*, billi jiġi żviluppat l-ekoturiżmu, waqt li jiġu rispettati l-integrità u l-interessi tal-komunitajiet lokali u indiġeni, u billi jittejjeb it-taħriġ fl-industrija tat-turiżmu.

ARTIKOLU 43

Kooperazzjoni fis-Servizzi Finanzjarji

1. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni bil-ħsieb li jiksbu regoli u standards komuni u aktar mill-qrib, u li jtejbu s-sistemi tal-kontabilità, tal-verifika finanzjarja, tas-sorveljanza, u dawk regolatorji, tal-banek, l-assigurazzjoni, u oqsma oħrajn fis-settur finanzjarju.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-assistenza teknika u ta' miżuri ta' bini ta' kapaċità għal dan il-għan.

ARTIKOLU 44

Governanza Tajba fil-Qasam tat-Taxxa

1. Bil-ħsieb li jsaħħu u jiżviluppaw l-attivitajiet ekonomiċi filwaqt li jikkunsidraw il-ħtieġa li jiġi żviluppat qafas regolatorju adatt, il-Partijiet jirrikonoxxu u għandhom jimplimentaw il-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa. Għal dan l-għan, u f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet ser itejbu l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, jiffaċilitaw il-ġbir ta' dħul leġittimu tat-taxxa, u jiżviluppaw miżuri għall-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji msemmija hawn fuq.

2. Il-Partijiet jaqblu li l-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji sseħħ b'mod partikolari fi ħdan il-qafas ta' ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar it-taxxa bejn il-Filippini u l-Istati Membri.

## ARTIKOLU 45

## Saħħa

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu u jaffermaw l-importanza kbira tas-saħħa. Għaldaqstant, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fis-settur tas-saħħa li jkopri oqsma bħar-riforma fis-sistema tas-saħħa, il-mard ewlieni li jittieħed u theddid ieħor għas-saħħa, il-mard li ma jitteħidx, u ftehimiet internazzjonali dwar is-saħħa lejn it-titjib tas-saħħa u l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-saħħa fuq il-bażi ta' benefiċċju reċiproku.

2. Il-kooperazzjoni għandha ssir permezz ta':

a) programmi li jkopru l-oqsma elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż it-titjib fis-sistemi tas-saħħa, l-għoti ta' servizzi tas-saħħa, is-servizzi tas-saħħa riproduttiva tan-nisa u tal-komunitajiet foqra u vulnerabbli, il-governanza fis-saħħa inkluża l-ġestjoni mtejba tal-finanzi pubbliċi, il-finanzjament tal-kura tas-saħħa, l-infrastruttura tas-saħħa u s-sistemi ta' informazzjoni u l-ġestjoni tas-saħħa;

b) attivitajiet konġunti dwar l-epidemjoloġija u s-sorveljanza, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni kif ukoll il-kollaborazzjoni fil-prevenzjoni bikrija ta' theddid għas-saħħa bħall-influwenza tat-tjur u dik pandemika u mard ewlieni ieħor li jittieħed;

c) prevenzjoni u kontroll ta' mard li ma jitteħidx permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajba, il-promozzjoni ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, l-indirizzar ta' fatturi determinanti ewlenin għas-saħħa bħall-ikel, id-dipendenza fuq id-drogi, l-alkoħol u t-tabakk u l-iżvilupp ta' programmi ta' riċerka relatati mas-saħħa kif previst fl-Artikolu 39, u skemi ta' promozzjoni tas-saħħa;

d) promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali, bħall-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk u r-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa, li għalihom huma partijiet;

e) programmi u proġetti oħrajn għat-titjib tas-servizzi tas-saħħa u għat-tisħiħ tar-riżorsi umani għas-sistemi tas-saħħa u l-kondizzjonijiet tas-saħħa kif maqbul reċiprokament.

ARTIKOLU 46

Edukazzjoni, Kultura, Djalogu Interkulturali u Bejn ir-Reliġjonijiet

1. Il-Partijiet jaqblu li jippromwovu l-kooperazzjoni fl-edukazzjoni, fl-isports, fil-kultura u bejn ir-reliġjonijiet li tirrispetta kif adatt id-diversità tagħhom sabiex jiżdied il-fehim reċiproku u l-għarfien tal-kulturi rispettivi tagħhom. Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jappoġġaw u jippromwovu l-attivitajiet tal-istituti kulturali tagħhom.

2. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jibdew djalogu dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku relatati mal-immodernizzar ta' sistemi edukattivi, inklużi kwistjonijiet li jappartjenu għall-kompetenzi ewlenin u l-iżvilupp ta' strumenti ta' valutazzjoni li jitqabblu ma' standards Ewropej.

3. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jieħdu l-miżuri adatti biex jippromwovu kuntatti bejn il-persuni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-isports u l-iskambji kulturali, u djalogi bejn ir-reliġjonijiet u dawk interkulturali u jwettqu inizjattivi konġunti f'diversi sferi soċjokulturali, inkluża l-kooperazzjoni fil-konservazzjoni tal-patrimonju b'rispett għad-diversità kulturali. F'dan ir-rigward, il-Partijiet jaqblu wkoll li jkomplu jappoġġaw l-attivitajiet tal-Fondazzjoni Asja-Ewropa, kif ukoll id-Djalogu bejn ir-Reliġjonijiet tal-ASEM.

4. Il-Partijiet jaqblu li jikkonsultaw u jikkooperaw f'fora jew organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-UNESCO, sabiex isegwu objettivi komuni u jippromwovu fehim akbar u rispett akbar għad-diversità kulturali. F'dan ir-rigward, il-Partijiet jaqblu wkoll li jippromwovu r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali adottata fl-20 ta' Ottubru 2005.

5. Il-Partijiet għandhom jagħmlu wkoll enfasi fuq l-adozzjoni ta' miżuri mfassla sabiex jissaħħu r-rabtiet bejn l-aġenziji rilevanti rispettivi tagħhom li jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien fost l-esperti, iż-żgħażagħ u l-ħaddiema żgħażagħ (fl-iskola u barra mill-iskola), u jieħdu vantaġġ mill-programmi rispettivi tagħhom bħall-ERASMUS Mundus fl-oqsma tal-edukazzjoni u tal-kultura kif ukoll mill-esperjenzi li ż-żewġ Partijiet ikunu kisbu f'dawn l-oqsma.

## ARTIKOLU 47

## Statistika

Il-Partijiet jaqblu li jippromwovu, f'konformità mal-attivitajiet eżistenti tagħhom dwar il-kooperazzjoni tal-istatistika bejn l-Unjoni Ewropea u l-ASEAN, il-bini tal-kapaċità tal-istatistika, l-armonizzazzjoni ta' metodi u prattiki ta' statistika inkluż il-ġbir u t-tixrid tal-istatistika, li jippermettilhom jużaw, fuq bażi aċċettabbli reċiprokament, statistika dwar, *inter alia*, il-kontijiet nazzjonali, l-investimenti barranin diretti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni , il-kummerċ ta' merkanzija u servizzi u, b'mod aktar ġenerali, kwalunkwe qasam ieħor kopert b'dan il-Ftehim li huwa adatt għall-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tal-ipproċessar tal-istatistika.

# TITOLU VII

# QAFAS ISTITUZZJONALI

## ARTIKOLU 48

## Kumitat Konġunt

1. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu skont dan il-Ftehim, Kumitat Konġunt, magħmul minn rappreżentanti taż-żewġ naħat fuq livell uffiċjali għoli, li jkun inkarigat:

a) jiżgura l-funzjonament adatt u l-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim;

b) jistabbilixxi prijoritajiet fir-rigward tal-għanijiet ta’ dan il-Ftehim;

c) jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-promozzjoni tal-objettivi ta’ dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu normalment jiltaqa’ mhux inqas minn kull sentejn fil-Filippini u fl-Unjoni Ewropea alternattivament f’data li tiġi stabbilita bi ftehim reċiproku. Jistgħu jsiru wkoll laqgħat straordinarji tal-Kumitat Konġunt bi ftehim bejn il-Partijiet. Il-Kumitat Konġunt għandu jitmexxa b’mod alternattiv minn kull waħda mill-Partijiet. L-aġenda għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi stabbilita bi ftehim bejn il-Partijiet.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi sottokumitati speċjalizzati sabiex jindirizzaw l-oqsma kollha koperti minn dan il-Ftehim sabiex jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Dawn is-sottokumitati għandhom jagħmlu rapporti dettaljati dwar l-attivitajiet tagħhom li jiġu sottomessi lill-Kumitat Konġunt f'kull waħda mil-laqgħat tiegħu.

4. Il-Partijiet jaqblu li għandu jkun ukoll il-kompitu tal-Kumitat Konġunt li jiżgura l-funzjonament adatt ta' kwalunkwe ftehim settorjali jew protokoll li ġie konkluż jew li għandu jiġi konkluż bejn il-Partijiet.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

## TITOLU VIII

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

### ARTIKOLU 49

### Klawżola dwar Żviluppi Futuri

1. Il-Partijiet jistgħu, b'kunsens reċiproku u fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat Konġunt, jespandu dan il-Ftehim bil-ħsieb li jsaħħu l-livell ta' kooperazzjoni, inkluż billi jissupplimentawh bi ftehimiet jew protokolli dwar setturi jew attivitajiet speċifiċi.

2. Rigward l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' tressaq suġġerimenti sabiex twessa' l-ambitu tal-kooperazzjoni, waqt li tikkunsidra l-esperjenza li tkun inkisbet fl-applikazzjoni tiegħu.

ARTIKOLU 50

Riżorsi għall-Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li jagħmlu disponibbli r-riżorsi adatti, inklużi mezzi finanzjarji, sa fejn jippermettu r-riżorsi u r-regolamenti rispettivi tagħhom, sabiex jilħqu l-objettivi tal-kooperazzjoni stabbiliti f'dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw assistenza finanzjarja f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u jikkooperaw fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tagħhom. Il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri effettivi sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, *inter alia*, permezz ta' assistenza reċiproka fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom. Kwalunkwe ftehim jew strument ta' finanzjament ulterjuri li għandu jiġi konkluż bejn il-Partijiet għandu jipprevedi klawżoli speċifiċi ta' kooperazzjoni finanzjarja li jkopru kontrolli fuq il-post, spezzjonijiet, kontrolli, u miżuri ta' kontra l-frodi, inklużi, *inter alia*, dawk li jsiru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u mill-awtoritajiet Filippini rilevanti ta' investigazzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) sabiex ikompli bl-operazzjonijiet tiegħu fil-Filippini b'mod konformi mal-proċeduri u l-kriterji ta' finanzjament tiegħu, il-ftehim qafas iffirmat bejn il-BEI u l-Filippini u l-liġijiet domestiċi tal-Filippini.

4. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim jew dawk relatati miegħu f'konformità mal-proċeduri finanzjarji u r-riżorsi rispettivi tagħhom. Dawn l-attivitajiet ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu, kif adatt, iżda mhux limitati biss għal, il-bini ta' kapaċità u inizjattivi ta' kooperazzjoni teknika, l-iskambju ta' esperti, it-twettiq ta' studji, l-istabbiliment ta' oqfsa legali, regolatorji u ta' infurzar li jippromwovu t-trasparenza u r-responsabbiltà, u attivitajiet oħrajn maqbula bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 51

Faċilitajiet

Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fil-qafas ta' dan il-Ftehim, iż-żewġ Partijiet jaqblu li jagħtu l-faċilitajiet meħtieġa lill-uffiċjali u lill-esperti li jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni għall-prestazzjoni tal-funzjonijiet tagħhom b'mod konformi mal-liġi nazzjonali/domestika u r-regoli u r-regolamenti interni taż-żewġ Partijiet.

ARTIKOLU 52

Ftehimiet Oħra

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, la dan il-Ftehim u lanqas kwalunkwe azzjoni li tittieħed bis-saħħa tiegħu m'għandha taffettwa s-setgħat tal-Partijiet li jwettqu attivitajiet ta' kooperazzjoni bilaterali jew li jikkonkludu, fejn adatt, ftehimiet ġodda ta' sħubija u ta' kooperazzjoni inkluż bejn il-Filippini u l-Istati Membri individwali.

2. Dan il-Ftehim m'għandux jaffettwa l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' impenji li jkunu ttieħdu mill-Partijiet rispettivi f'relazzjoni ma' partijiet terzi.

ARTIKOLU 53

Twettiq tal-Obbligi

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim. Huma għandhom jaraw li l-objettivi stabbiliti f'dan il-Ftehim jintlaħqu.

2. Kull Parti tista' tirreferi kwalunkwe diverġenza fl-applikazzjoni jew fl-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim lill-Kumitat Konġunt.

3. Jekk waħda mill-Partijiet ikun jidhrilha li l-Parti l-oħra tkun naqset milli tissodisfa xi wieħed mill-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim, hija tista’ tieħu miżuri adatti. Qabel ma tagħmel hekk, ħlief f’każijiet ta’ urġenza partikolari f’konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tippreżenta l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa lill-Kumitat Konġunt sabiex is-sitwazzjoni tiġi eżaminata fid-dettall bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet.

4. Fl-għażla tal-miżuri, għandha tingħata prijorità lil dawk li jfixklu l-inqas il-funzjonament ta’ dan il-Ftehim. Dawn il-miżuri għandhom jiġu notifikati immedjatament lill-Parti l-oħra u għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt il-Parti l-oħra titlob hekk.

5. Il-Partijiet jaqblu, għall-finijiet tal-interpretazzjoni korretta u tal-applikazzjoni prattika ta’ dan il-Ftehim, li t-terminu “każijiet ta’ urġenza partikolari” fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jfisser każijiet ta’ ksur materjali ta' dan il-Ftehim minn waħda mill-Partijiet. Ksur materjali ta' dan il-Ftehim jikkonsisti minn:

a) ċaħda ta' dan il-Ftehim mhux sanzjonata mir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali; jew

b) ksur ta’ elementi essenzjali ta' dan il-Ftehim, jiġifieri l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 8(2).

Qabel l-applikazzjoni ta' miżuri fil-każijiet ta’ urġenza partikolari, kull Parti tista’ titlob li tissejjaħ laqgħa urġenti sabiex il-Partijiet jiltaqgħu. F’każ li ssir talba bħal din u fi żmien 15-il jum, sakemm il-Partijiet ma jaqblux fuq perijodu ta’ żmien ieħor li ma jaqbiżx il-21 jum, għandha ssir laqgħa sabiex tiġi eżaminata s-sitwazzjoni fid-dettall bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet.

ARTIKOLU 54

Definizzjoni tal-Partijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, 'il-Partijiet' għandha tfisser l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, b'mod konformi mas-setgħat rispettivi tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra.

ARTIKOLU 55

Applikazzjoni Territorjali

Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju li fih japplika t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, minn naħa waħda, u għat-territorju tal-Filippini, min-naħa l-oħra.

ARTIKOLU 56

Notifiki

In-notifiki li jsiru skont l-Artikolu 57 għandhom jintbagħtu lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lid-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin tal-Filippini, rispettivament, permezz ta' mezzi diplomatiċi.

## ARTIKOLU 57

### Dħul fis-Seħħ u Perijodu ta' Validità

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-aħħar Parti tkun innotifikat lill-oħra dwar il-konklużjoni tal-proċeduri legali meħtieġa għal dan il-fini.

2. Dan il-Ftehim jibqa' validu għal perijodu ta' ħames snin. Huwa għandu jiġi estiż b'mod awtomatiku għal perijodi suċċessivi oħra ta' sena, sakemm waħda mill-Partijiet ma tinnotifikax lill-Parti l-oħra bil-miktub, sa sitt xhur qabel it-tmiem ta' kwalunkwe perijodu ta' sena sussegwenti, dwar l-intenzjoni tagħha li ma testendix dan il-Ftehim.

3. Kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim għandha ssir bi ftehim bejn il-Partijiet. Kwalunkwe emenda għandha tidħol fis-seħħ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biss wara li l-aħħar Parti tkun innotifikat lill-oħra li l-formalitajiet kollha meħtieġa jkunu tlestew.

4. Dan il-Ftehim jista' jiġi tterminat minn waħda mill-Partijiet permezz ta' notifika bil-miktub dwar ix-xewqa tagħha li ttemm dan il-Ftehim mogħtija lill-Parti l-oħra. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara li l-Parti l-oħra tkun irċeviet in-notifika. It-terminazzjoni m'għandhiex taffettwa proġetti maqbula jew li jkunu għaddejjin mibdija skont dan il-Ftehim qabel it-terminazzjoni tiegħu.

ARTIKOLU 58

Test Awtentiku

1. Dan il-Ftehim għandu jitfassal bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

2. Il-Ftehim ġie nnegozjat bl-Ingliż. Kwalunkwe diverġenza lingwistika fit-testi għandha tiġi riferita lill-Kumitat Konġunt.